

# LEĦEN IL-GIRGENTI

**Nru. 142** **April 2025**

# “X’TALBET IL-MADDONNA META KELLHA LIL ĠESU FI ĦDANHA?”

**Fil-laqgħa tas-17 ta’ Marzu 1996, Ġuża Mifsud qaltilna hekk,** “Meta fuq il-Kalvarju tawha lil Ġesù mejjet fi ħdanha, il-Madonna bdiet tħares lejn il-feriti kollha li kellu l-Mulej Ġesù. Hi ma ħadithiex kontra r-rieda tal-kbir Alla, anzi tant qagħdet għal kollox matul il-passjoni biex Ġesù jkun eżatt f'dik il-passjoni biex isalva jekk jista' jkun lil kull bniedem li kien hawn fid-dinja u għad irid jiġi. Bdiet tgħidlu hekk il-Madonna:



'O għajn ta' karità illi qatt ma tonqos, kif intemmejt?

O mgħallem u għaref tal-bnedmin, kif ma nstemax iżjed leħnek?

O raġġ ta' dawl kbir ta' Missierek, kif intfejt?

O l-ogħla verità tal-qalb tiegħi, kif ġejt f'tant faqar?

O ġnien imżejjen bil-fjuri ta' l-imħabba t'Alla, kif tħassar wiċċek?

O Sinjur Ġesù Kristu Alla u bniedem, ikollok ħniena mid-dinja kollha.'

Dak li talbet is-Sinjura tal-Ħajja meta kellha lil Ġesù fi ħdanha. O Verġni Marija li nissiltna uliedek fid-

*“Aħna biex qegħdin inħallsuh lill-Mulej Alla?”...*

MAĦRUĠ MILL-MOVIMENT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

duluri tal-qalb imqaddsa tiegħek wieqfa fejn is-salib, **l-artal li** fuqu offra ruħu l-Mulej Ġesù  għall-maħfra tad-dnubiet tal-bnedmin tad-dinja kollha, kemm hu ta' min jirringrazzjak għal dak kollu li għamilt għalija u għal kulħadd.



Il-Madonna batiet pass wara pass mat-toroq tal-Kalvarju ma' Binha Ġesù u għalhekk għandna ngħidulha: 'Grazzi, għażiża u twajba ommna Marija.  Int għamilt magħna affarijiet kbar meta ġibtilna lill-maħbub Ġesu fi ħdanek. Tajtulna, urejtulna fit-twelid imqaddes.' Imbagħad fit-tieġ ta' Kana Ġesù għamel dak il-miraklu hekk kbir ta' l-inbid.  Dan Hu għamlu wara li l-għażiża ommna Marija qaltlu xi kelma, u Ġesù bl-imħabba Tiegħu kollha u bir-rispett qalilha: 'Mara, għadha ma waslitx is-siegħa Tiegħi.' Imma dak li qaltlu l-Madonna Hu talab għalih lill-Missier Etern u għamel kollox.

Kemm għamel għall-imħabba tagħna l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija flimkien mal-Madonna meta kien fid-dinja.  Tant bata għalina illi qal: 'Għażiż ibni, x'għamiltlek jiena, qasba qbadt tagħti fuq rasi, salib ippreparajt biex lili tneħħili ħajti, kuruna tax-xewk għamiltli u deffistli f'rasi biex tgħaddi ż-żmien bija.'  Dana l-qalb tal-Mulej Ġesù ħasset bħal meta nħossu aħna meta jkun hemm xi bniedem li ħa jersaq għal xi mewta kerha, jew ineħħulu ħajtu jew jifflaġġellawh jew joqtluh martri, ineħħuh mid-dinja.

Ġesù x'qatt għamel ħlief tjubija?  Huwa għamel affarijiet kbar, tal-għaġeb, għal kull bniedem biex issebbaħlu ruħu bil-grazzja t'Alla.  Sogħobbih il-Mulej Ġesù imma Hu kien jaf b'kollox x'ħa jgħaddi mingħalih.  Dana Ġesù ta' kbir Alla li kien u ta' bniedem bħalna qal: 'Missier Etern, jekk inhuwa possibbli u jekk jgħoġbok u trid warrab minni dan il-kalċi mimli bl-imrar; imma m'hux ir-rieda Tiegħi trid issir imma r-rieda Tiegħek.'  Anka mrar tawh fuq is-salib, sponża bil-ħall tawh...  Huwa kellu l-għattx tal-bnedmin, ta' l-erwieħ tal-bnedmin, biex l-erwieħ kollha jikkonkorru lejh bis-sabar u bil-kwiet u mhux induru bl-affarijiet kontrieh.  Induru dawra lejna nfusna u ngħidu: 'Aħna biex qegħdin inħallsuh lill-Mulej Alla? Qegħdin inberkuh lill-Mulej Alla u nfaħħruh u nqimuh bil-kwiet u bis-sabar u b'ilsienna nadif?”



# 4 TA' MEJJU 2025

Laqgħa ta' talb fil-Girgenti fl-okkażżjoni tad-39 sena mit-tqegħid tal-istatwa.

Jinstema' leħen il-fundatriċi Ġuża Mifsud

**Fis-6.00pm**

# KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QLUB IMQADDSA TA' ĠESU U TA' MARIJA




**Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwin għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom.**

**Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt il-laqgħa tal-4 ta' Mejju 2025 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom.**



**Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.**

**Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...**

# AVVIŻI

**LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI**

- Il-Ħadd 6 u 20 ta' April 2025 fil-5.30pm
- Il-Ħadd 4 u 18 ta' Mejju 2025 fis-6.00pm
- Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ġunju 2025 fis-6.30pm
- Il-Ħadd 6 u 20 ta' Lulju 2025 fis-6.30pm

**MEZZ TA' KUNTATT:**

- Email: ourladyofconsecration@gmail.com
- Facebook messenger: Madonna tal-Konsagrazzjoni
- Indirizz Postali: 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi

**AGĦMLU KUNTATT MAGĦNA JEKK:**

- Taqilgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni/Girgenti jew bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud;
- Jekk tridu formula sabiex issiru membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni;
- Kull meta taħsbu li l-Kumitat jista' jkun ta' għajnuna.

**AKTAR TAGĦRIF DWAR ĠUŻA MIFSUD U L-GIRGENTI JISTA' JINKISEB MINN:**

- www.ourladyofconsecration.org
- Facebook - Madonna tal Konsagrazzjoni
- Youtube - Guza Mifsud
- Kotba, santi u oġġetti devozzjonali
- Kopji antiki ta' dan il-fuljett (ikkonsultaw il-website)

## DIKJARAZZJONI

Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorita tal-Knisja